**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 528/2024 GG**

**Mahmud Ezzeddin Ahmed Hamyoni, (K.I. 0103705A)**

**vs.**

**Mahmud Ezzeddin Ahmed Hamuni, (PassaportAD221514) u**

**Rasha el Kataf (Passaport AA310893)**

**Kawza Nru: 13**

Illum 27 ta' Frar, 2025

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat ta' **Mahmud Ezzeddin Ahmed Hamyoni** ippreżentata quddiem din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 2024 bis-segwenti premessi u talbiet:

> Illi r-rikorrenti huwa l-propretarju tal-fond **f'Tas-Sliema**, minghajr numru ufficjali izda mmarkat bhala **Plot B Portland, enumerat internament bhala numru wiehed (1) Milner Street.**

Illi din il-proprejta hawn citata giet trasferita permezz ta' kuntratt ta' bejgh datat fl-erbatax ta' Frar tas-sena elfejn u tletax (14.2.2013) fl-atti tan-Nutar Andre' Farrugia hawn anness **Dok A**.

Illi l-intimati Mahmud Ezzeddin Ahmed Hamuni u Rasha el Kataf qieghdin jirrisjedu f'dan il-fond illegalment, klandestinament, u minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

Illi l-intimati gew interpellati b'ittra ufficcjali datata l-erbgha u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (24.01.24) hawn annessa u mmarkata bhala **Dok B** sabiex sal-ahhar tax-xahar ta' Jannar 2024 huma jizgombraw mill-fond Plot B, Portland internament immarkat numru wiehed (1) Milner Street Sliema.

Illi ghalkemm debitament notifikati bl-ittra ufficcjali, l-intiamti baqghu inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-procedura;

Illi kien sar ftehim bejn ir-rikorrenti u ibnu, l-intimat li jizgombra tali proprjeta' izda dan baqa ma sehhx hawn anness **Dok C**

Illi r-rikorrenti Ezzeddin Ahmed Mabruh Hamyoni jikkonferma li jaf il-fatti fuq imsemmija personalment u peress li dan jigi ibnu u l-mara ta'ibnu li l-intiamti m'ghandhomx eccezzjonijiet validi xi jressqu.

Ghaldaqstant jghidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghadix:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-intimati sabiex jizgombra mill-fond Plot B, Portland internament immarkat numru wiehed (1) Milner Street Sliema. fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjes, kontra l-intimat u b'rizerva ghall-kwalsiasi azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti kontra l-istess intimat, liema intimati huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Mejju, 2024 li bih appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tat-13 ta' Gunju, 2024 fn' 12:15pm;

Rat illi l-intimati kienu finalment debitament notifikati bir-rikors gurament u bl-avviz ta' smigh u d-data ta' differiment permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni fis-16 ta' Dicembru, 2024 (id-data tal-ahhar gurnal minn tlieta);

Rat illi minkejja d-debita notifika tal-avviz ta' smigh, hadd ma deher ghall-intimati jew mill-intimati ghall-udjenza tal-lum sabiex jgharrfu lill-Qorti jekk kellhomx xi eccezzjonijiet validi xi jressqu sabiex jikkontestaw t-talbiet attrici u wisq anqas ipprezentaw nota fir-registru fit-termini tal-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 sabiex jattakkaw l-procedura intentata bhala wahda mhux regolati jew li ma tghoddx ghal kaz;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur pprezentata mar-rikors promutur;

Semghet lill-attur bil-gurament;

Rat l-atti kompriz id-dokumenti esebiti;

**Ikkunsidrat:**

**1.** Illi permezz ta' dikjarazzjoni mahlufa, l-attur kkonferma kif ibnu u l-mara tieghu qieghdin jokkupaw il-fond mertu tal-kawza illegalment u dan ikkonfermah ukoll *viva voce* quddiem din il-qorti u li s-sitwazzjoni baqghet l-istess minkejja l-prezentata tar-rikors promutur;

**2.** Rat illi t-titolu tal-fond huwa tar-rikorrenti bhala sid u li iben ir-rikorrenti kien dahal f'weghda li jivvaka l-fond wara li inghata fond iehor mill-missier gewwa l-Libja;

**3.** Ghalhekk, in mankanza ta' xi prova kontrarja, din il-qorti hi sodisfatta mill-prova migjuba mill-attur u ghalhekk il-pretensjoni tieghu timmerita li tkun akkolta;

**Decide:**

Ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

**Tilqa'** <u>l-ewwel talba</u> tar-rikorrenti sabiex din il-Qorti tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa ta' smigh skond l-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta; u

**Tilqa'** <u>t-tieni talba</u> u konsegwentement tikkundanna lill-intimati sabiex jizgombraw mill-fond Plot B, Portland internament immarkat numru wiehed (1) Milner Street Sliema fi zmien perentorju ta' tletin jum mil-lum

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-konvenuti.

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imħallef

Nicole Cini

Deputat Reġistratur